ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2022

ID-DISA' SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (*Option*) L-ISKEMA TAL-MARKI

Taqsima A

1.	a	2.	b	3.	a	4.	b	5.	b
6.	a	7.	c	8.	c	9.	b	10.	b

(1 x 10 = 10 marki)

Taqsima B

Mistoqsija	Marki	Tweġibiet *Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tkun aċċettata.*
1	2, 2 (4)	Fi grupp formali, l-istruttura hija riġida u mogħtija mill-management, filwaqt li fi grupp informali l-istruttura hija volontarja u mfassla mill-grupp stess; ir-relazzjonijiet huma professjonali/ impersonali vs personali; id-daqs huwa kbir vs żgħir; l-imġiba bbażata fuq regoli tal-istruttura vs ibbażata fuq l-interessi tal-individwu u l-grupp. *L-istudenti għandhom isemmu żewġ differenzi.*
2	2, 2, 2 (6)	Hemm diversi raġunijiet għaliex persuna tingħaqad ma' grupp, fosthom: għas-sinerġija: tnejn jew aktar jistgħu jagħtu appoġġ; għas-sapport u impenn; għall-bżonnijiet personali bħal kumpanija, inkluzjoni jew affett. *L-istudenti għandhom isemmu tliet raġunijiet.*
3	1, 1, 3 (5)	*L-istudenti għandhom isemmu żewġ rwoli minn dawn:* mexxej, dak li joħroġ bl-ideat, l-organizzatur, il-kaxxier, is-segretarju, il-President u viċi-President. Mexxej ikollu kapaċitajiet li jgħaqqad il-grupp, jara x'inhuma l-għanijiet u jsolvi problemi li jistgħu jinqalgħu bejn il-membri jew bejn il-grupp u dawk ta' barra mill-grupp.
4	2, 2, 2 (6)	• Jista' jkun hemm aktar komunikazzjoni biex jiġu ċċarati l-kwistjonijiet u jkun jista' jkompli jaħdem il-grupp. • Jista' ma jintlaħaqx ftehim u l-grupp jisfaxxa. • Jintlaħaq ftehim kif jistgħu jiġu evitati aktar konflitti billi jitwaqqfu xi forma ta' regoli.
5	2, 2 (4)	Iż-żgħażagħ jistgħu jiġu influwenzati kemm b'mod pożittiv kif ukoll negattiv mill-peer group. • Jibdew vizzji ġodda bħat-tipjip, xorb u sewqan perikoluż. • Jinbidel il-lingwaġġ, espressjonijiet u modi ta' kif jinftehmu. • Jistgħu jidħlu drawwiet ġodda fl-imġiba, anke pożittivi, bħal kif jittrattaw lil dawk ta' madwarhom.

		• Bidla fil-ħwejjeġ, gosti, ikel u ħruġ. • Żagħżugħ jista' jitlef l-identità tiegħu personali u jinbidel biex jintgħoġob. *L-istudenti għandhom isemmu żewġ eżempji.*
TOTAL	**25**	

Taqsima C

Mistoqsija	**Marki**	**Tweġibiet** *Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tkun aċċettata.*
1	4, 2 (6)	Il-kultura hija proċess ħaj, dinamiku, dejjem jinbidel u jiżviluppa. Iżda fl-istess ħin, tibqa' żżomm l-elementi bażiċi tradizzjonali. Għalhekk nitkellmu fuq bidla u kontinwità. Filwaqt li affarijiet, bħall-bini storiku u wirt artistiku jibqgħu l-istess, affarijiet ħajjin bħal-lingwa, it-teknoloġija, valuri u d-drawwiet jinbidlu. Is-soċjetà għaddiet minn ħafna tibdil minħabba l-effetti tal-mezzi ġodda ta' komunikazzjoni (globalizzazzjoni), it-turiżmu, is-safar, u l-użu tat-teknologija ġabu magħhom mod ġdid ta' kif il-bniedem beda jħares lejn ħajtu. Il-bidla fl-istil ta' ħajja ġabu wkoll bidla fil-valuri. Insibu tibdil fl-aspetti kollha tal-ħajja (eż. iċ-ċelebrazzjoni ta' festi ġodda bħal Halloween, parties bħal dak tal-Gender Reveal, żieda fiż-żwiġijiet ċivili). Peress li l-kultura Maltija hija msejsa fuq ir-reliġjon Kattolika, din maż-żmien tilfet ħafna mill-importanza fuq il-ħajja tal-bniedem. Daħal aktar il-materjaliżmu, il-konsumeriżmu, u l-individwaliżmu. *L-istudenti għandhom jagħtu żewġ eżempji.*
2	2, 2, 2 (6)	Il-kultura dominanti tidentifika soċjetà minn oħra u tistabbilixxi d-drawwiet, il-lingwa, il-valuri u r-reliġjon. Il-karatteristiċi prinċipali jsiru l-istandard għas-soċjetà kollha. Sottokultura mill-banda l-oħra huwa grupp li jgħix b'mod differenti, imma mhux bilfors jopponi l-kultura dominanti. Sottokultura hija kultura f'kultura oħra. Il-membri jagħmlu parti mill-kultura dominanti imma għandhom kultura kemm materjali jew le speċifika għalihom. Eż. ta' sottokulturi huma l-LGBTQ+; komunitajiet ta' barranin li stabbilixxew hawn Malta u baqgħu jgħixu l-istess stil ta' ħajja tagħhom; gruppi b'gosti differenti ta' ħwejjeġ u mużika.
3	4, 2 (6)	Soċjoloġi jargumentaw li sottokultura hija sovverżjoni għan-normalità u li ħafna drabi hija meqjusa negattiva minħabba l-kritika tagħha għall-istandards tal-kultura dominanti. Dawn iħossuhom ittraskurati mis-soċjetà dominanti, jingħaqdu flimkien u flimkien jiżviluppaw sens t'identità ġdida, b'regoli u valuri ġodda. Taffettwa l-membri tagħha għax mhux dejjem jintegraw fis-soċjetà u jistgħu joħolqu l-inkwiet jekk dawn jaddottaw stil ta' ħajja perikoluża, nonkonformista jew devjanti.

		Fl-istess ħin, xi stil ta' ħajja tas-sottokultura tista' tiġi addattata mill-kultura dominanti bħal, pereżempju, it-tattooing, piercings u vegetarianism li sar popolari ħafna f'dan l-aħħar deċennu.
4	2, 2 (4)	• Id-diversità kulturali tista' tispira aktar kreattività bħal fl-arti u l-mużika. • Il-ħajja ssir aktar interessanti. • In-nies tal-lokal jitgħallmu jgħixu ma' min għandu stil ta' ħajja differenti. • Tippromwovi valuri umanistiċi. • Fuq il-post tax-xogħol, instab li nies minn kulturi differenti jaħdmu aħjar flimkien u jagħtu sehem akbar anke f'dak li huma ideat. *L-istudenti għandhom jagħtu żewġ vantaġġi.*
5	(3)	In-nuqqas ta' konformità soċjali hija r-rifjut li tikkonforma mal-istandard tas-soċjetà bħal attitudnijiet, imġiba, regoli, valuri, normi u twemmin stabbiliti mill-kultura dominanti. F'soċjetà, in-nonkonformità estrema tagħti lok għal nuqqas ta' sens ta' sigurtà min-nies tal-lokalità. Dawn jistgħu joħolqu inkwiet li jiddependi mil-livell ta' nonkonformità. Mill-banda l-oħra, in-nonkonformità tista' ġġib bidla pożittiva, u hija importanti għall-progress u l-iżvilupp, bħal meta persuna toħroġ b'xi idea oriġinali li tiddevja mill-idea komuni bħall-istilisti ta' ħwejjeġ u djar; sistemi ġodda ta' produzzjoni; ideat ġodda ta' komunikazzjoni bħas-*social media*.
TOTAL	**25**	

Taqsima D

Mistoqsija	**Marki**	**Tweġibiet** *Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tkun aċċettata.*
1	2, 2, 2 (6)	Grupp ta' pressjoni huwa grupp ta' nies li għandhom l-istess ideat fuq kif iridu jaraw is-soċjetà u li jingħaqdu flimkien. • Iqajmu għarfien fuq il-kwistjoni tagħhom. • Jagħmlu pressjoni fuq l-awtoritajiet biex jibdlu *policy* jew tittieħed deċiżjoni. • Iġibu bidla fis-soċjetà. *L-istudenti għandhom isemmu żewġ għanijiet.*
2	2, 2 (4)	Is-soċjetà ċivili tista' tinftiehem bħala t-"tielet settur" tas-soċjetà, distinta mill-gvern u n-negozju, u tinkludi l-familja u l-isfera privata. Ħafna jargumentaw li s-soċjetà ċivili tintuża fis-sens ta' individwi u organizzazzjonijiet f'soċjetà li huma indipendenti mill-gvern. Din ma tinkludix partiti politiċi direttament. *L-istudenti għandhom isemmu eżempju minn:* knejjes u organizzazzjonijiet oħra bbażati fuq il-fidi; gruppi onlajn u komunitajiet tal-midja soċjali; organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u non-profit organisations oħra; unions u gruppi oħra ta' negozjar kollettiv.

3	2, 2, 2 (6)	Il-Kunsilli Lokali huma responsabbli: • għall-ħarsien u tisbiħ tal-lokalità; • allokazzjoni tal-gwardjani lokali; • ġbir ta' skart; • jesegwixxu doveri amministrattivi għall-gvern ċentrali bħal ġbir ta' fondi u kirjiet tal-gvern; • jirrispondu għall-ilmenti pubbliċi. *L-istudenti għandhom isemmu tliet għanijiet.*
4	2, 2 (4)	• Fiż-żwieġ, il-mara u r-raġel huma ndaqs u jaqsmu flimkien ir-responsabbiltajiet taż-żwieġ bħala miżżewġin u bħala ġenituri. • Iż-żewġ ġenituri flimkien huma responsabbli għall-ħarsien u għall-kura tal-ulied. • Id-deċiżjonijiet fil-familja jitteħdu mill-koppja flimkien. • Id-dar fejn tgħix il-familja hija mħarsa bil-liġi fl-interess ta' min jgħix fiha. *L-istudenti għandhom isemmu żewġ bidliet.*
TOTAL	**20**	

Taqsima E

Dawn it-tweġibiet huma biss indikattivi. Kull opinjoni oħra relevanti u valida għandha tkun aċċettata. L-20 marka jitqassmu bejn wieħed u ieħor kif ġej:

17-20 – Tajjeb ħafna
13-16 – Tajba
10-12 – Mhux ħażin
0 - 9 – Mhux tajjeb

Mistoqsija	Marka	Tweġibiet
1	20	Il-kultura tista' tkun tradizzjonali jew moderna. It-terminu 'kultura tradizzjonali' jintuża biex jiddeskrivi l-kultura li żammet il-valuri tradizzjonali. Kultura moderna hija opposta għal dik tradizzjonali. Ma tiffukax ħafna fuq il-valuri u t-twemmin tal-ġenerazzjonijiet preċedenti filwaqt li tittratta l-proċess tal-ħsieb modern. Jekk inħarsu lejn kultura **tradizzjonali**, din hija marbuta mal-passat, mal-mod ta' ħajja tal-antenati. Il-kultura **moderna** żviluppat fil-pajjiżi tal-punent hekk kif is-soċjetajiet umani kibru. Dan seħħ b'relazzjoni mal-prattiċi li għandhom x'jaqsmu mal-mod industrijali ta' produzzjoni jew l-iżvilupp ta' soċjetajiet ta' spiss kolonjali, fuq skala kbira. Ma' dan inżidu l-effetti tal-globalizzazzjoni li ġabu uniformità f'ħafna aspetti tal-ħajja. Jekk nagħtu daqqa t'għajn lejn l-erba' elementi tal-kultura, naraw diversi bidliet, b'mod speċjali f'Malta.

		Lingwa: Tradizzjonalment Semitika b'influss ta' kliem Rumanz, illum insibu ħafna kliem Ingliż li ngħata xejra Maltija. Anke l-mod ta' kif nesprimu ruħna nbidel. Valuri: tradizzjonalment ibbażati fuq ir-reliġjon, illum huma aktar individwalisti u liberali. Eżempju ż-żwieġ tradizzjonali fil-knisja naqas, u llum sar aktar popolari li jsir ċivilment. Teknoloġija: is-sistema ta' produzzjoni nbidlet b'mod li ħafna snajja' tradizzjonali llum ittieħdu mill-magni u nħolqu opportunitajiet ta' xogħol differenti minn dawk manwali. Drawwiet u tradizzjonijiet: tradizzjonalment kienu jiffukaw biss fuq eventi marbuta mar-reliġjon; illum parti minnhom intesew u daħlu tradizzjonijiet ġodda bħal gender reveal, Halloween, St Patrick's.
2	20	L-edukazzjoni mhix waħda biss t'għarfien ta' suġġetti. Din hija edukazzjoni formali. Hemm 2 tipi oħra importanti li jgħinu biex l-individwu jiżviluppa l-kapaċitajiet tiegħu u jilħaq l-optimum tiegħu. **Edukazzjoni formali:** tingħata b'mod speċjali l-iskola, fejn it-tagħlim jiġi pprovdut mill-istituzzjonijiet imwaqqfa apposta. F'din is-sistema t'edukazzjoni, it-tagħlim jiġi eżaminat wara perjodu ta' żmien. Jibda b'mod obbligatorju fil-primarja u jibqa' sejjer sas-sekondarja. Imbagħad ikompli minn istituzzjonijiet postsekondarji akkademiċi, vokazzjonali u tekniċi. Jista' jibqa' għaddej sal-ogħla istituzzjoni edukattiva tal-pajjiż, l-Università. **L-edukazzjoni informali:** din ma sseħħx b'mod strutturat (eż. b'xi sillabu jew lezzjonijiet), iżda b'mod aktar informali bħal mid-dar (bid-dixxiplina, diskussjonijiet, l-imħabba), jew mill-ħbieb (nitgħallmu interazzjoni soċjali, naqsmu ideat u opinjonijiet u nibdew nimmaturaw mill-esperjenzi sbieħ jew koroh) jew fuq il-post tax-xogħol (nitgħallmu l-etika tax-xogħol u interazzjoni soċjali), u l-midja, fost l-oħrajn. **L-edukazzjoni nonformali** huwa tagħlim li jseħħ barra s-sistema edukattiva formali għalkemm iseħħ f'ambjent formali bħalma huma l-iskejjel, iżda ma jkunx jifforma parti mill-kurrikulu jew sillabi. Ma jkunx rikonoxxut b'mod formali. Ikopri diversi attivitajiet bħal sessjonijiet ta' sports, il-guides u l-iscouts, mużika u żfin fost l-oħrajn. Huwa marbut mal-kunċett ta' tagħlim tul il-ħajja (lifelong learning). Ta' spiss dan jinvolvi workshops, korsijiet għall-komunità, korsijiet b'interess partikolari, korsijiet qosra, jew seminars f'għamla ta' konferenza. L-edukazzjoni nonformali hija komplimentari għal dik formali. Din it-triloġija t'edukazzjoni tiżviluppa l-kapaċitajiet akkademiċi, soċjali, mentali, kulturali; ir-responsabbiltà ċivili; l-individwalità; il-maturità; joħolqu opportunitajiet tax-xogħol u jinkoraġġixxu l-impjegabbilità.
3	20	Skont il-UN, l-għan taċ-Ċittadinanza Globali huwa li jiddefendi d-dinjità tal-bniedem u li jippromwovi r-responsabbiltà soċjali u s-solidarjetà internazzjonali, fejn it-tolleranza, l-inklużjoni u r-rikonoxximent tad-diversità jokkupaw post importanti fil-kelma u l-għemil, li jirriflettu l-multipliċità ta' atturi involuti fl-azzjonijiet taċ-ċittadinanza globali.

		Dan ifisser li aħna ma nistgħux ngħixu indipendentement minn dak li jiġri madwarna. Aħna mhux biss nagħmlu parti minn pajjiżna, iżda anke mid-dinja kollha. Għalhekk għandna responsabbiltà lejn dak kollu li jiġri fid-dinja: il-problemi tad-dinja huma wkoll problemi tagħna u importanti li nżommu ruħna infurmati fuq dak li jiġri madwarna, speċjalment dak li għandu x'jaqsam mal-ambjent, diversità, gwerer, inġustizzji soċjali u inugwaljanzi, diżastri naturali, gwerer u konflitti u kwistjonijiet oħra. Apparti li nżommu ruħna infurmati, tajjeb li nieħdu azzjoni jew inizjattivi jew ningħaqdu m'għaqdiet li jippromwovu ċertu interessi li aħna nemmnu fihom. Jekk inkunu kapaċi naraw l-affarijiet li qed jiġru madwarna b'mod oġġettiv, inkunu kapaċi wkoll nagħrfu r-responsabbiltà tagħna lejn id-dinja u l-paċi.
TOTAL	**20**	

Total: 100 marka